**JUNIOR SCHOOL**

**CONVENT OF THE SACRED HEART SCHOOL FOUNDATION**

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – KARTA MUDELL**

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **ĦIN: 20 minuta**

ISEM____________________ REĠ___ KLASSI___________

## FEHIM MIS-SMIGĦ

Issa l-ġranet sħan tas-Sajf kienu bdew sew. Is-sena skolastika spiċċat u r-riżultati ta' l-eżamijiet kienu għadhom ma waslux. Għal xi l-ħdax ta' filgħodu, lil Mark u lil Claire kont issibhom wara l-bieb ta' barra jistennew lill-pustier ġej bir-riżultat ta' l-eżamijiet. Dan kienu jagħmluh ta' kuljum.

Meta jiġi l-pustier u ma jġibx ittri għalihom kienu jidħlu d-dar diżappuntati. Issa li kienu bil-vaganzi, Claire kienet tgħin lil ommha. Ta' kull filgħodu hija kienet tifrex is-sodda tagħha u tiżbarazza l-kamra tagħha. Imbagħad kienet tinżel isfel ħdejn ommha u tgħinha taħsel il-kikkri u l-platti tal-kolazzjon. Wara kienet tfarfar il-kamra tas-sodda t'ommha u missierha. Xi drabi kienet tgħin lil ommha ssajjar.

Mark ukoll kien igħin lil ommu mill-aħjar li jista'. Hu kien jiżbarazza l-kamra tiegħu. Imbagħad kien imur ħdejn ommu u jaħsel il-kikkri u dak kollu li jkun inqala' għall-kolazzjon. Wara kien imur fil-ġnien u jaqla' xi ħaxix selvaġġ li jkun kiber mal-ħwawar. Ħafna drabi kien imur jixtri mill-ħanut ta' ħdejhom u għal xi l-ħdax kien jiltaqa' ma' kuġintu Claire.

Mela darba kienu qegħdin fil-ġnien jaħsbu kif se jqattgħu l-kumplament ta' wara nofsinhar. F'daqqa waħda Claire rat serbut nemel.

"Ara kemm hemm nemel!" qalet Claire.
"Dawk ma jagħmlulek xejn," weġibha Mark.
"Naf, imma xorta waħda jdejquni," kompliet tgħidlu Claire, hi u tersaq in-naħa l-oħra.

Mark mar bilqiegħda ħdejha.
"Naħseb li kien hemm aktar minn mija," ħasbet Claire bejnha u bejn ruħha.

**JUNIOR SCHOOL**

**CONVENT OF THE SACRED HEART SCHOOL FOUNDATION**

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – KARTA MUDELL**

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **ĦIN: 20 minuta**

ISEM____________________ REĠ___ KLASSI___________

Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba. (10 marki)

1. Din l-istorja seħħet
   a. fil-ħdax.
   b. filgħodu.
   ċ. fis-Sajf.
   d. wara l-kolazzjon.

2. Kull filgħodu Mark u Claire kienu jistennew
   a. lin-nannu.
   b. lill-pustier.
   ċ. il-vann ta' l-iskola.
   d. lil ommhom.

3. It-tfal kienu d-dar kull filgħodu għax
   a. kienu morda.
   b. kellhom il-vaganzi.
   ċ. l-iskola tibda tard.
   d. il-vann tal-iskola ma ġiex.

4. Kull filgħodu Claire kienet
   a. tgħin fix-xogħol tad-dar.
   b. tmur tixtri.
   ċ. torqod.
   d. tmur tilgħab.

5. Mark kien imur fil-ġnien biex
   a. jaħsel il-kikkri.
   b. jaqta' l-ħwawar.
   ċ. jiltaqa' ma' Claire.
   d. jaqla' l-ħaxix selvaġġ.

6. Mark u Claire kienu jiltaqgħu
   a. wara l-ikel.
   b. fil-ħdax.
   ċ. fil-ħanut ta' ħdejhom.
   d. filgħaxija.

7. Meta rat in-nemel, Claire
   a. baqgħet fejn kienet.
   b. bdiet taqbeż.
   ċ. resqet naħa oħra.
   d. bdiet twerżaq.

8. Mark
   a. beda jidħak b'Claire.
   b. mar bilqiegħda ħdejha.
   ċ. keċċa n-nemel.
   d. sejjaħ għall-għajjut.

Agħmel sing taħt it-tifsira t-tajba ta' dawn l-espressjonijiet

9. "Bejnha u bejn ruħha" tfisser
   a. titkellem mar-ruħ tagħha.
   b. tirraġuna waħedha.
   ċ. titkellem ma' xi ħadd ieħor.
   d. kienet qed titlob.

10. "F'daqqa waħda Claire rat serbut nemel." tfisser li rat
   a. ftit nemel.
   b. nemel kbir.
   ċ. ħafna nemel.
   d. nemel abjad.